MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Numru 968/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ALFRED MALLIA**

**VS**

**LUAIE BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Luaie Borg, ta' 18-il sena, bin Maria Dolores Borg, imwieled tal-Pieta', nhar is-16 ta' Marzu, 1988, residenti fil-fond Block 13, Flat 8, Triq it-Tramuntana, Valletta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 162388(M);

1. Akkuzat talli fil-Belt Valletta, nhar il-Hadd, 10 ta' Settembru, 2006, ghall-habta ta' nofsinhar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Catherine Hussein, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 276673 (M) f'periklu car, hebb ghall-istess Catherine Hussein bi

strument li jaqta' jew li jnizzeg, u kkagunalha feriti ta' natura gravissima, skond ma ccertifika Dr J Diacono MD Med Reg No 2940 tal-Isptar San Luqa;

2. U aktar talli fl-istess lok, data, u hin ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Paul Borg, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 595860 (M), skond ma ccertifika Dr Joseph Galea MD Med Reg No 2682 mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana;

3. U aktar talli fl-istess cirkostanzi kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew b'ghajjat, jew b'mod iehor.

4. U kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni, jew il-kwiet tal-pubbliku.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta;
Wara li rat l-ammissjoni tal-imptutat f'dan l-istadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;
Wara li rat il-fedina penali netta u l-eta' tenera tal-imputat.

Illi wara li rat l-Artikoli 214, 216, 218, 221, 338 (m), 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkundisdrat:

Gha dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Luaie Borg hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal disa' (9) xhur prigunerija, sospzi ghal tlitt (3) snin, taht supervizjoni ta' ufficcjal tal-*Probation*, *ai termini* tal-Artikolu 28 G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------